Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 155 / 2017

Il-Pulizja

Vs

Carmelo Sammut

Illum 08 ta' Gunju, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmelo Sammut detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 229764 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fix-xhur t' Ottubru u Novembru 2016, fil-Gzejjer Maltin b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u jew maghmula b' rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1. Naqas li jaghti lil Dorianne Sammut, is-somma ta' sitt mitt Ewro, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulat fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u / jew martu, fi zmien hmistax – il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-27 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hat ital-akkuza kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghal xahar prigunerija sospizi ghal sena, ai termini tal-Artikolu 28 A tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ordnat lill-imputat sabiex ihallas is-somma ta' elf u mitejn Ewro dovuta, fi zmien gimgha mill-lum ai termini tal-Artikolu 28 h tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Carmelo Sammut, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 t' April, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti billi jogghobha sabiex prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna, tirriforma id-decizjoni motghija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u dan billi thassarha ikkundannat lill-esponenti ghal xahar prigunerija sospizi ghall-sena ai termini ta' l-Artikolu 28 A, kif ukoll thassarha in kwantu ordnatu ihallas is-somma ta' € 1200 ai termini ta' l-Artikolu 28 H, u minflok taqta u tiddeciedi l-kawza billi taghti lill-esponenti piena anqas harxa u aktar idoneja ghac-cirkostanzi inkluz bl-ordni li thallas is-somma ta' € 981.82.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-esponenti jhossu aggravat bid-decizjoni mehudha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, huwa sokkombenti u qieghed jinterponi dan l-appell minnha. Illi l-aggravju ta' l-esponent huwa car u manifest u jikkonsisti primarjament fis-segwenti;

1. Illi primarjament l-aggravju ta' l-esponenti jikkonsisti fil-fatt li l-esponenti m' ghandux ihallas l-ammont ta' € 1200 lill-parte civile bhala manteniment ghax-xhur bejn Ottubru u Novembm 2016 imma anqas.

2. Illi originarjament l-esponenti kien obbligat ihallas manteniment ta' € 750 fix-xahar, li huwa kien ihallas bil-quddiem kull l-1 tax-xahar. Illi fl-10 ta' Dicembru 2015, il-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja kienet tat digriet gdid fejn hija naqset il-manteniment dovut ghall-€ 600 kull 4 gimghat. Illi ghalhekk il-manteniment dovut kien dak ta':

| | |
|---|---|
| Mill-1/12/201 5 sad-9/12/201 5 | €217.74 (rata ta' €750 fix-xahar) |
| Mill-10/12/2015 sat-02/01/2016 | €514.08 (rata ta' €600 kull 4 gimghat) |
| Mit-03/0l/201 6 sat-30/01/2016 | €600 |
| Mill-31/01/2016 sas-27/02/2016 | €600 |
| Mit-28/02/2016 sas-26/03/2016 | €600 |
| Mis-27/03/2016 sat-23/04/2016 | €600 |
| Mill-24/04/2016 sal-21/05/2016 | €600 |
| Mit-22/05/20 16 sat-18/06/2016 | €600 |
| Mid-19/06/2016 sas-16/07/2016 | €600 |
| Mis- 17/07/2016 sat-13/08/2016 | €600 |
| Mill-14/08/2016 sal-10/09/2016 | €600 |
| Mill-11/09/2016 sat-08/l0/2016 | €600 |
| Mid-09/1 0/2016 sal-05/11/2016 | €600 |
| **Total ta' manteniment dovut** | **€7331.82** |

Manteniment imhallas fl-istess perjodu;

| | |
|---|---|
| 1/12/2015 | €750 |
| 01/01/2016 | €600 |
| 27/03/2017 | €5000 |
| **Total ta' manteniment imhallas** | **€6350** |

3. Illi ghalhekk jirrizulta illi l-ammont ta' manteniment dovut sa' Novembru 2016 skond l-akkuzi odjemi m' hijiex is-somma ta' € 1,200 imma dik ta' € 9813.82.

4. Illi ghalhekk l-aggravju ta' l-esponenti jikkonsisti fil-fatt illi huwa gie ordnat ihallas aktar minn dak minnu dovut. u dan kif jirrizulta mill-kalkoli hawn fuq spjegati.

5. Illi in oltre l-aggravju ta' l-esponenti jikkonsisti ukoll fil-fatt illi in vista mac-cirkostanzi tal-kaz, il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti hija esagerata u ghalhekk ghandha tigi ridotta. Illi effetivament il-Qorti meta tat il-piena naqset milli tikkonsidra illi fl-istess gurnata tas-seduta l-esponenti kien hallas lill-parte civile is-somma ta' €5000 li kellu jissellef minghand huh, Christopher Sammut, mill-liema somma kien hemm ukoll parti mill-pagament dovut ai termini tal-akkuzi odjerni,

6. Illi apparti minn hekk il-Qorti naqqset milli tikkunsidra ukoll illi n-nuqqas ta' hlas ta' manteniment ma kienx b' xi kapric jew b' pika jew b' ghazz, imma giet sforz ta' sitwazzjoni kreata mill-parte civile stess, li intavolat kull mandat kawtelatorju possibbli fil-ligi civili, inkluz mandati ta' sekwestru fuq in-negozju tal-karozzi ta' l-esponenti, mandati ta' inibizzjoni fuq il-proprjetajiet kollha ta' l-esponenti inkluz dawk parafernali, mandat ta' sekwestru fuq il-kirjiet kollha li kien qieghed jippercepixxi l-esponenti minghand l-awtorita tad-djar u ghalhekk prattikament, filli l-esponenti kien negozjant li jahdem 20 siegha kuljum, filli f' daqqa wahda spicca imwehhel bil-mandati kollha u minghajr introjtu ta' xejn.

7. Illi minkejja dan l-esponenti dejjem ra kif ghamel sabiex jobdi d-digrieti tal-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja u dejjem prova jaghmel minn kollox sabiex jigbor il-flus biex ikun jista' ihallas il-manteniment lill-martu. Illi sa qabel sar l-ahhar mandat, ossija dak fuq il-kirjiet f' Jannar 2016 il-manteniment dejjem thallas regolarment, ghajr li l-ahhar introjtu li kellu l-esponenti, u li kien

qieghed jintuza primarjament sabiex huwa ikompli ihallas l-ispejjez essenzjali tan-negozju tieghu, bhal permessi, awdituri, accountants, MFSA. fees tal-UVIA, numru kbir ta' kontijiet tad-dawl u ilma tal-proprjetajiet u dan minkejja li m' huwiex qieghed jopera minhabba l-mandati kawtelatorji intavolati minn martu. Tant hu hekk li l-esponenti sahansittra gie prekluz mill-parte civili milli jbiegh l-unika svog li kellu, ossija id-dghajsa tieghu, biex ir-rikavat imur direttament ghand il-parte civile bhala pagament ghall-manteniment.

8. Illi l-esponenti. filli kien negozjant b' sahhtu filli illum spicca jisellef mingahnd huh u terzi biex sempliciment ihallas il-manteniment ta' € 600 kull erbgha gimghat, u numru ta' spejjez ohra neccessarji ghaliex in-nuqqas ta' pagament taghhom iwasslu ghal]-penali u multi kbar mill-awtoritajiet. Dan kollu b' kappricc tal-parte civile.

9. Illi l-esponenti ghalhekk ihossu aggravat bil-fatt illi, in vista tac-cirkostanzi, u in vista tal-fatt li minkejja li l-kawza ta' seprazzjoni ilha ghaddejja erbgha snin, il-Qorti xorta wahda tat bhala pieni sentenza ta' xahar habs sopsizi ghall-sena, meta effetivament fl-ghar ipotezi kellha tinghata liberta kundizzjonata.

10. Illi tajjeb li jinghad ukoll li l-esponenti ma kellux sentenzi kontra tieghu koncernanti nuqqas ta' hlas ta' manteniment kif ukoll huwa ammetta fi stadju bikri tal-proceduri. Dan oltre l-fatt li l-mittenti kien lest li jhallas dak dovut minnu dak in-nhar stess billi jisellef l-ammont ulterjuri minghand huh li kien qieghed il-Qorti imma ma kellux ic-cheque book fuqu.

11. Illi ghalhekk l-aggravju ta' l-esponenti jikkonsisti fil-fatt li c-cirkostanzi tal-kaz jirrikjedi illi l-piena kellha tkun wahda aktar idoneja u anqas harxa.

Ikkunsidrat,

Billi fuq ammissjoni registrata mill-appellant, ir-reat jirrizulta illi gie kommess u billi l-pagamenti llum jirrizulta li saru, izda dawn saru tardivament, ghalhekk il-Qorti ser tikkonferma l-htija izda billi jirrizulta illi l-appellant mhux biss hallas dak dovut izda qed ihallas il-manteniment b'mod regolari hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha fejn din sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu tirrevokaha in kwantu ikkundannatu ghal xahar prigunerija sospizi ghal sena, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ordnat lill-imputat sabiex ihallas is-somma ta' elf u mitejn Ewro dovuta, fi zmien gimgha mill-lum ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur m'illum.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Edwina Grima
Imhallef